# IS-SNAJJA FL-IMGHODDI

Minn J.C. Camilleri

Fl-imgħoddi, meta kont tidħol f'xi dar kont tara ħafna ħwejjeġ magħmulin mill-qasab. Kont tara l-purtiera tal-qasab biex iżżomm il-qawwa tax-xemx milli tidħol fid-dar. Kont tara xi salott tal-qasab bil-customs ta' lewn aħmar, pariġġ il-purtieri. Kont tara xi baskett jew ġewlaq għax-xiri mdendel mal-ħajt tal-kamra tal-kċina.



Fir-ritratt jidhru (xellug): Alfred Saliba, u huh Geraldu (it-tielet mix-xellug) flimkien maż-żewġ lavranti li kienu jaħdmu magħhom

Għamilna żmien l-affarijiet tal-qasab sabu ruħhom barra minħabba d-dħul tal-plastik. Iżda llum dawn il-ħwejjeġ sabu ruħhom mill-ġdid fid-djar, lukandi u ristoranti Maltin u Għawdxin.

Għalkemm id-domanda għall-ħwejjeġ tal-qasab żdiedet, ftit huma dawk li qed jaħdmu din is-sengħa. Għaliex? Forsi hemm xi idea li dan ix-xogħol mhux xi ħaġa ta' prestiġju? L-għomja kienu jaħdmu din is-sengħa. Għaliex illum le?

**IL-FAMILJA SALIBA**

Ix-xogħol tal-qasab hu marbut mal-familja Saliba u l-qraba tagħha. Jekk din il-familja ma tagħtix aktar ħaddiema f'dan il-qasam din l-industrija tispiċċa għal dejjem minn wiċċ Malta u Għawdex. Din il-familja kienet minn Ħal Luqa. Tant li jekk inħarsu lejn l-arblu bl-isem ta' Indri jew Andrew.

Aktarx li l-ewwel wieħed li beda jaħdem f'din is-sengħa kien il-bużnannu ta' Ġeraldu Saliba. Is-sengħa tax-xogħol tal-qasab marret għand uliedu. Wieħed minnhom kien Wiġi Saliba. Dan kien magħruf bħala Karfusu. Is-sengħa reġgħet għaddiet għand tal-familja. Din id-darba x-xogħol għadda għand Wiġi Saliba, missier Ġeraldu.

Ġeraldu ħa x-xogħol tal-ħanut ta' missieru fuq spallejh. Ħuħ Freddie beda jaħdem dan ix-xogħol fi Triq Qormi iżda wara beda jaħdem l-għamara, pultruni u ħwejjeġ simili li kien hawn domanda għalihom. Hemm xi ħaddiema li jaħdmu l-qasab, l-aktar purtieri tal-qasab (ħsajjar) u xi xogħol tal-wicker, jiġifieri għamara li tkun magħmula mill-qasab. Flokhom kien hemm il-ħanut tan-nannu ta' Ġeraldu - 'Karfusu'.



*Il-familja ta' Alfred Saliba (fin-nofs) flimkien ma' uliedu James (xellug) u Brian (lemin)*

Ħu 'Karfusu' kien Ġanni Saliba. Dan kellu xi jgħid ma' 'Karfusu' u telaq lejn l-Awstralja. F'dan il-kontinent anki beda jaħdem il-qasab. B'hekk it-talent u s-sengħa Maltija fil-qasam tal-qasab sabet ruħha f'kontinent ġdid.

**POST IX-XOGĦOL**

Il-familja Saliba kellha l-ħanut tax-xogħol propju fil-post fejn illum hemm il-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinità Mqaddsa l-Marsa. Hawn kellhom razzett fuq l-art li kienet magħrufa bħala ta' Xatt il-Qwabar. Hawn il-familja Saliba kienet taħdem il-prodotti tal-qasab. Lorenzo Balbi talabhom l-art biex tinbena knisja. Ma' nafux jekk l-art ingħatatx lil Lorenzo Balbi jew biegħuielu. Għalhekk il-ħanut mill-Marsa kellu jispiċċa darba għal dejjem.

**L-INĦAWI TAX-XOGĦOL**

Il-familja marret f'parti tal-Ħamrun, sewwa sew fi Triq Zimelli. Hawn sabu razzett ieħor. Dan ifisser li minħabba s-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-industrija tal-qasab ix-xogħol kollu tal-qasab f'Malta beda jsir fl-inħawi ta' Triq Zimelli u Sqaq il-Qasab.

F'Għawdex fadal ftit ħaddiema, xi tnejn jew tlieta. Insemmu fost l-oħrajn żewġ aħwa, aktarx mir-raħal tan-Nadur hemm Kelinu Camilleri li barra mix-xogħol tal-qasab jaħdem ukoll bħala barbier.

**IL-QASAB**

Meta kont nistudja l-ġografija kont tgħallimt li Malta m'għandhiex

riżorsi naturali ħlief għal tliet affarijiet - xemx, ġebla u melħ. Ix-xemx hu l-fattur ewlieni għall-industrija tat-turiżmu. Il-ġebla tintuża fl-industrija tal-bini u l-melħ għall-industrija żgħira ta' dan is-settur. Issa sibt li anke l-qasab Malti jista' jkun ta' sors naturali. Naturalment mhux kull qasba hi tajba.

L-aħjar qasab hu dak ta' Wied l-Isqof. Dan il-wied jinsab bejn ir-Rabat u l-Buskett. Qasab ieħor importanti għal din l-industrija hu dak li jikber fil-Wied ta' l-Imtaħleb. Il-qasab tal-Baħrija hu wkoll importanti għall-manifattura tal-ħwejjeġ bil-qasab. Hemm ukoll il-qasab li jikber fuq il-blat. Il-bqija tal-qasab f'Malta mhux tajjeb. Għalhekk minn żmien għall-ieħor jiġi mpurtat qasab miċ-Ċina.

**PRODOTTI**

Il-qasab isir f'ħafna affarijiet. Hemm il-qfief. Qoffa tal-qasab hi tassew sabiħa. Jużawha wkoll biex iżejjen xi partijiet tad-dar jew ristoranti. Min-naħa l-oħra, il-ġewlaq Malti ma' żammx il-popolarità tiegħu. Il-qfief huma popolari għal żmien il-Milied meta jintużaw għar-rigali tax-xorb u ħelu li jgħidulhom, la Ingliża, hampers.

Hemm ukoll il-bxiekel għall-frott. L-aktar popolari huma l-bxiekel għall-ġbir tal-frawli. Il-bdiewa jużaw dawn il-bxiekel meta jaqtgħu l-frott mill-għelieqi. Wara, dan il-frott jitpoġġa fil-kannestri. Tant li l-bdiewa għandhom isem partikolari għal dawn il-prodotti... jgħidulhom bxiekel tal-qtugħ. Il-bxiekel jintużaw ukoll fit-tiżjin tal-fjuri.

L-għamara tal-wicker saret mill-ġdid popolari fost il-Maltin. Illum ma nsibux biss salotti iżda hemm kull tip ta' għamara bħal kmamar tas-sodda. Il-wicker mhux għoli għalhekk l-għamara li ssir minnu tkun aktar ta' prezz raġonevoli mill-għamara ta' l-injam. L-unika ħaġa li ma tantx jużaw il-wicker hu fil-cupboards tal-kċina. Hemm ukoll il-ħwejjeġ li jintużaw fid-dinja tax-xogħol. Insibu fost l-oħrajn il-mezez u l-qratal. Hemm ukoll il-kannestri tal-konz u t-tramiġġani.

L-aktar popolari minn dawn il-ħwejjeġ huma l-bxiekel, minkejja li hawn minnhom tal-plastik. Hemm diversi użu minn dak li semmejt qabel. Hawn min iħobb imur jixtri bihom. It-turisti jriduhom ukoll. Dawn jinħadmu wkoll fl-Italja.

Is-sistema Taljana hi differenti minn dik Maltija. Is-sengħa Maltija titlob li ċ-ċima tkun mibruma 'l fuq . Il-qoffa bħaċ-ċima jkollha manku mibrum 'il fuq u tkun magħmula mill-istess materjal tal-qoffa u mhux separata bħalma jagħmlu t-Taljani.

Minkejja din id-domanda kollha f'Malta ma' hawn ħadd li jrid jaħdem dawn il-prodotti. Din l-industrija se tmut.

J'alla din l-industrija tibqa' ħajja. L-iskola tista' tgħin billi torganizza korsijiet fl-artiġjanat wieħed minnhom fix-xogħol tal-qasab.

Fl-imgħoddi x-xogħol tal-qasab kien popolari ħafna. Kont tara għamara, purtieri u mitt ħaġa oħra.

Fil-Ħamrun kien hemm parti, qrib il-*Mile End* fejn kont tara ħanut, wieħed fejn l-ieħor bil-prodotti tal-qasab.

Kif kienet il-manifattura tal-qasab fl-imgħoddi?
Ix-xogħol tal-qasab hu marbut mal-familja Saliba u l-qraba tagħha.
L-aħjar qasab hu dak ta' Wied l-Isqof.

---

***REFERENZI:***
***Anton Cassar Ix-xogħol tal-qasab Antenna 24-1-96 Nru 367***
***Anton Cassar Sengħa li waslet biex tgħib Antenna 31-1-96 Nru 368.***

UNIVERSAL LIBRARY
752, ST. JOSEPH HIGH STREET
HAMRUN - TEL: 2122 5745
The best for
Hardbacks
Paperbacks
Gift Books
Calculators
Greeting Cards
Magazines